## ID-DIELJA

Ta' DUN FRANS CAMILLERI

Inħobbok, dielja bnina,
kull darba li narak tħaddar u tilbes
u tqassam ferħana
l-egħnieqed imdendlin tal-għeneb ħelu
li jieħu kulħadd minnek.

Int bħal omm twajba...
għax x'ħin jeħdulek il-frott tiegħek kollu
imbagħad bl-imqass taż-żabra
iqaċċtu minnek id-dirgħajn ħanina
u jitilquk hekk waħdek,
bħalkieku ma jafukx,
int ma żżommx f'qalbek;
u terġa', ftit xhur wara,
tħaddar u tfawwar minn ġol-vini tiegħek
id-demm li jimla l-għeneb biex troddhomlna
isbaħ u itjeb.

Inħobbok, dielja twajba, għax għallimtni
ninsa malajr id-deni li għamluli
dawk li raw minni l-ġid
u xeħtu t-tajn għal wiċċi u qasqsu fuqi
bla ma qatt fhimt għaliex.
Bħalek imxejt x'ħin kont sa naqta' qalbi
fit-triq ta' l-ideal li qbadt minn dejjem,
fil-wegħda ta' tfuliti
li nwettaq bla waqfien egħmil ta' ħniena.

---

Il-bniedem għaqli jaqra ż-żewġ kotba:
Il-ktieb u l-ħajja nfisha.

---

"Is-sens komuni" mhux daqshekk komuni.

---

Hieni hu dak il-bniedem li ma jixtieq xejn.